**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni 663/2018**

**Illum 14 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 501701(L) billi inti akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn is-16 ta' Ottubru 2018 u is-17 ta' Ottubru 2018 gewwa Triq il-Kuncizzjoni, Msida:

1. Ikometta serq ta' vettura Nissan March bin-numru tar-registrazzjoni DBL-664 ghad-dannu ta' Essam B.M. Abdellatif u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur u li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2390.24) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikoli 267, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli bejn is-16 ta' Ottubru 2018 u is-17 ta' Ottubru 2018 saq fit-toroq vettura Nissan March bin-numru ta' registrazzjoni DBL-664 minghajr licenzja tas-sewqan u dan bi ksur tal-Artikolu 15(5) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Aktar talli bejn is-16 ta' Ottubru 2018 u is-17 ta' Ottubru 2018 saq fit-toroq vettura Nissan March bin-numru ta' registrazzjoni DBL-664 minghajr ma kienx hemm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Aktar talli nhar is-17 ta' Ottubru 2018 ghall-habta ta' 21:00hrs, gewwa Hal-Luqa u f'dawn il-gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-kuntistabbli (PC 275) Thomas Dimech inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Aktar talli nhar is-17 ta' Ottubru 2018 ghall-habta ta' 21:00hrs, gewwa Hal-Luqa u f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, ipprova jaghmel offiza gravi fuq il-persuna u dan bi ksur tal-Artikoli 41 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 130*) datata 11/03/2019 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 15(1)(a) tal- Kapitolu 65tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 3(1)(1A) tal- Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a) 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-25/03/2019 (*a fol. 133)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-11/03/2019, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Xhieda**

F'dan il-process xehdu tnax (12) –il xhud kif gej ;

Colin Sheldon (*a fol* 30 et. seq.); Essaim B M Abdellatif (*a fol* 34 et. seq.); WPS 256 Leanne Sant (*a fol* 37 et. seq.); PC 681 Noel Muscat (*a fol* 41 et. seq.); PC 275 Thomas Dimech (*a fol* 48 et. seq.); PS 309 Brian Xuereb (*a fol* 58 et. seq.); PC 1399 Keith Schembri (*a fol* 67 et. seq.); PC 8 Tyron Bugeja (*a fol* 70 et. seq.); Sabina Mleczek (*a fol* 73 et. seq.); PS 186 Kristian Mintoff (*a fol* 88 et. seq.); PO Deborah Farrugia (*a fol* 118 et. seq.); Kirsten Coppola (*a fol* 121 et. seq.);

KONSIDERAZZJONIJIET L-EGALI GENERALI

Il-fatt li jista' jkun hemm zewg verzjonijiet differenti m'ghandux dejjem ifisser li wiehed jistrieh fuq l-iskappatojja tad-dubju u jillbera. Xorta jista' jkun hemm sejbien ta' htija jekk il-Qorti taghzel li temmen wahda miz-zewg verzjonijiet moghtija u tiskarta l-ohra. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet rriteniet issegwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara*** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konflingenti: jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kompliet telabora hekk fuq is-sitwazzjoni fejn ikun hemm verzjonijiet konflingenti dwar l-akkadut:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 t' Ottubru 2006)."[1]

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet wkoll li *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz talArtikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

**Minn ezami tal-atti processwali, din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex temmen il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni. L-imputat biex jimpressjona lit-tfajla tieghu, studenta bhalu ha l-vettura li thalliet mhux imsakkra u telqu dawra biha. Il-Qorti tikkundanna l-agir**

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

**irresponsabbli tal-parte civile li halla l-vettura miftuha u dan ghal numru ta' sieghat. L-imputat meta gie wick-imb wick mal-pulizija flok waqaf, beza' minhabba li kien fl-illegalita' u bil-manuvra tieghu seta kkaguna griehi fuq il-pulizija tat-traffiku li kien qieghed jaghmel xoghlu jipprotegi lis-socjeta' minn sewwieqa li jkunu ta' minaccja lis-socjeta'.**

## <u>Il-minuri (*young offender*)</u>

Il-Qorti qabel tidhol fil-mertu tal-kaz se tara l-Archbold[2] x'jghid fejn jidhlu l-minorenni jew kif inhu maghruf il-*young offender*:

> A court sentencing a young offender must be aware of obligations under a range of international conventions which emphasise the importance of avoiding "criminalisation" of young people whilst ensuring that they are held responsible for their actions and, where possible, take part in repairing the damage that they have caused. This includes recognition of the damage caused to the victims and understanding by the young person that the deed was not acceptable. Within a system that provides for both the acknowledgement of guilt and sanction which rehabilitate, the intension is to establish responsibility and, at the same time, to promote re-integration rather than to impose retribution.

[2] Magistrates' Courts Criminal Practice 2016, **Sentencing in the Youth Court**, pg. 1867 et. Seq.

A court sentencing a person under the age of 18 is obliged to have regard to the principal aim of the youth justice system (to prevent offending by children and young persons) and to the welfare of the offender. As the principal aim of the youth justice system is the prevention of offending by children and young people, the emphasis should be on approaches that seem most likely to be effective with young people.

Young people are unlikely to have the same experience and capacity as an adult to realise the effect of their actions on other people or to appreciate the pain and distress caused and because a young person is likely to be less able to resist temptation, especially where peer pressure is exerted.

It is also important to consider whether the young offender lacks the maturity fully to appreciate the consequences of his conduct and the extent to which the offender has been acting on an impulsive basis and the offender's conduct has been affected by inexperience, emotional volatility or negative influences.

In most cases a young person is likely to benefit from being given greater opportunity to learn from mistakes without undue penalisation or stigma, especially as a court sanction might have a significant effect on the prospects and opportunities of the young person, and, therefore, on the likelihood of effective integration into society.

**L-eta' tal-protagonist**

Dakinhar tal-inċident, l-imputat kellu sbatax-il sena. Il-Qorti se tiehu dan il-fattur fil-kunsiderazzjoni taghha.

Artikolu 37[3] tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> ***37.*** *(1) Il-minuri ta' taħt is-sittax-il sena jkun ukoll ezenti minn responsabbilità kriminali għal kull att jew nuqqas magħmul mingħajr ħazen.*
>
> *(2) Fejn l-att jew nuqqas magħmul minn minuri minn erbatax-il sena sa sittax-il sena jsir b'ħazen u* ***fil-kaz ta' minuri minn sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli għal reat għandha titnaqqas bi grad jew tnejn ...*** (enfazi tal-Qorti)

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dibattitu Parlamentari tal-21 ta' Jannar 2014 fejn kienet ghaddejja diskussjoni fit-tieni qari dwar l-Abbozz ta' Ligi li jemenda l-Kodici Kriminali (Emenda Nru. 4)[4] li tratta l-eta' tal-minuri u r-responsabilta' kriminali:

> [Permezz ta' dan l-abbozz ta' liġi, qed nipproponu li jittieħdu deċiżjonijiet importanti dwar ir-responsabilità kriminali tal-minorenni, u allura llum se nkunu qed nitkellmu dwar ir-responsabilità li għandhom iġorru kriminalment il-minorenni, f'liema età, ta' liema żmien u min għandu jkun responsabbli, jekk għandu jkun responsabbli.

---

[3] Att III.2014.4.

[4] Wara l-approvazzjoni tal-Parlament sar l-Att Nru. 3, 2014

F'pajjiżna għandna liġijiet li jirrigwardaw l-età ta' responsabilità kriminali li ilhom hemmhekk għal ammont ta' snin. Fil-fatt, il-Kunsill tal-Ewropa u l-*United Nations Human Rights Council* ilhom ħafna jikkritikawna għaliex jidhrilhom li l-età ta' responsabilità kriminali f'pajjiżna hija baxxa wisq. Huma jidhrilhom li l-età ta' responsabilità kriminali għandha togħla għax hija baxxa wisq.

Aħna kellna nieħdu deċiżjoni dwar kemm għandha togħla l-età ta' responsabilità kriminali tal-minorenni. Ħafna pajjiżi għollewha għal 18-il sena. Pereżempju, fi Franza, skont l-artikolu 122 sub-inċiż 8 tal-Kodiċi Penali, l-età ta' responsabilità kriminali hija 18-il sena. Dan ma jfissirx li jekk minuri li għandu inqas minn 18-il sena u jwettaq delitt jew kontravenzjoni fi Franza, ma jittieħdu ebda passi dwaru. Dan ifisser li l-passi li jittieħdu ma jiġux klassifikati bħala proċeduri u pieni ta' natura penali, iżda jiġu klassifikati bħala miżuri ta' protezzjoni, għajnuna, ħarsien u edukazzjoni. Mela, fi Franza, jekk inti tikkommetti delitt jew kontravenzjoni f'età ta' inqas minn 18-il sena, se jieħdu passi kontra tiegħek, però mhux ta' natura kriminali, iżda ta' natura edukattiva. Naħseb li dan il-mudell ta' min jistudjah bis-serjetà.

Dwar it-tfal bejn l-14-il sena u s-16-il sena, ċ-ċirkostanzi jinbidlu ftit: se tibqa' tintuża l-proċedura li hemm illum, però jekk jiġi pprovat li dawn aġixxew b'ħażen – jista' jkollok minuri bejn l-14 u s-16-il sena li kkommettew reat imma mhux b'ħażen, jista' jkun li kkommettew reat għax iċ-ċirkostanzi wasslu biex involontarjament jagħmlu tali reat –se jiġu ttrattati bħall-maġġorenni, bid-differenza li l-piena tonqos bi grad jew tnejn. Jekk dak il-minuri kkommetta r-reat b'ħażen, dak li l-Imħallef Vincent Degaetano jikkwotah bħala *mischievous discretion,* li hija duttrina li naħseb amplifikaha ħafna fis-sentenzi tiegħu, u anke fit-tagħlim tiegħu l-Università, il-piena se titnaqqas komparata ma' jekk ikollok maġġorenni.

Wieħed ma jridx jitlaq bl-idea li l-minorenni ma jistax ikollhom ħażen. Naħseb dak ikun żball. Naħseb li soċjalment irridu naraw għaliex

minorenni jkollhom il-ħażen, u soċjoloġikament irridu naraw għaliex fis-soċjetà tagħna għandna minorenni li ta' 14-il sena jkollhom il-*mens rea,* u meta jkunu f'sensijhom anke jkollhom il-ħażen li jkollu raġel ta' 40 sena.[5]]

[Bħalissa artikolu 35 tal-Kodiċi Kriminali qed jipprovdi li l-minuri ta' taħt id-disa' snin ikunu eżenti mir-responsabilità kriminali għal kull att jew nuqqas, filwaqt li l-minuri ta' taħt l-14-il sena jkunu eżenti mir-responsabilità kriminali għal kull att jew nuqqas, dejjem jekk ikun magħmul bla ħażen. Illum qegħdin nipproponu li minn disa' snin nitilgħu għal 14-il sena, u l-età ta' meta wieħed ikun eżenti mir-responsabilità kriminali, jekk l-att isir mingħajr ħażen, titla' għal 16-il sena.

Wieħed jifhem li huwa l-obbligu ta' kull Stat li jistabbilixxi din l-età minima tar-responsabilità kriminali li tikkorrispondi mal-età li t-tfal jitqiesu responsabbli għall-aġir tagħhom, u rridu ngħidu li, għalkemm il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal tobbliga lil kull Stat li jagħżel l-età minima ta' responsabilità kriminali, din ma tagħmilx provvediment għall-età minima komuni li tapplika madwar id-dinja. Eżempju, fl-Iżvizzera l-età minima għar-responsabilità kriminali hija ta' seba' snin – din hija l-inqas fost il-pajjiżi żviluppati. Min-naħa l-oħra, fil-Belġju l-età minima għar-responsabilità kriminali hija ta' 18-il sena, u din hija meqjusa bħala l-ogħla waħda. Irrid ngħid li, anke fil-maġġoranza tal-istati fl-Amerika, l-età minima għar-responsabilità kriminali hija ta' 18-il sena.

Jekk inħarsu lejn l-Unjoni Ewropea, naraw li l-età minima għar-responsabilità kriminali hija waħda aktar varjata. Pereżempju, fil-pajjiżi Skandinavi l-età minima għar-responsabilità kriminali hija ta' 15-il sena, filwaqt li fil-Greċja u fl-Olanda hija ta' 12-il sena, fi Franza hija ta' 13-il sena, fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fl-Italja mbagħad hija ta' 14-il sena, fil-Polonja u fi Spanja ta' 16-il sena u, kif għedt, fil-Belġju, u l-istess fil-Lussemburgu, l-

[5] Ministru tal-Gustizzja Onor. Owen Bonnici

età minima hija ta' 18-il sena. Jiġifieri t-tendenza madwar id-dinja, bejn wieħed u ieħor, hija li l-età minima għar-responsabilità kriminali tkun ta' 14-il sena.

Jekk wieħed jara għaliex aħna kellna din l-età daqshekk baxxa, jinduna li, bħall-maġġoranza tal-pajjiżi tal-*Commonwealth,* aħna konna nsegwu r-Renju Unit li japplika waħda mill-aktar etajiet baxxi għar-responsabilità kriminali. Fil-fatt, l-età minima fl-Iskozja hija ta' 12-il sena – Il-Parlament Skoċċiż tella' l-età minima minn tmien snin għal 12-il sena biss fl-2010 – filwaqt li, fl-Ingilterra u fl-Irlanda, hija ta' għaxar snin.

Tajjeb ninnota li, fis-sena 2000, il-*United Nations Committee on the Rights of the Child* għamel bosta osservazzjonijiet dwar kif il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal tista' tiġi applikata aħjar f'Malta. Fil-fatt qal hekk:

"21. *Concern is also expressed that the minimum legal age for criminal responsibility, set at 9 years, is too low.*

22. *The Committee recommends that the State party review its domestic legislation regarding the minimum legal ages for criminal responsibility … in accordance to the principles and provisions of the Convention, especially the best interests of the child."*

Paragrafu 49 imbagħad jgħid hekk:

*"Concern is expressed at the low age of criminal responsibility (9 years); at the assumption, contained in the State party's legislation, that a child aged between 9 and 14 years could act with "mischievous intent"; and at the exclusion of children aged between 16 and 18 years from the juvenile justice system."*

Imbagħad ikompli jgħid hekk:

*"In light of articles 37, 40 and 39 of the Convention and other relevant international standards, such as the United Nations Standard Minimum Rules for the Administration of Juvenile Justice (the Beijing Rules), the United Nations Guidelines for the Prevention of Juvenile Delinquency (the Riyadh Guidelines), and the United Nations Rules for the Protection of Juveniles Deprived of their Liberty, the Committee recommends that the State*

*party undertake legislative reform to raise the minimum age of criminal responsibility; to eliminate the assumption that a child aged between 9 and 14 years could act with "mischievous intent"; and to ensure that the juvenile justice system covers all children under the age of 18."*][6]

Fir-rapport imhejji mill-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar in-***National Justice Reform***[7] hemm rapurtat li:

> *Minors over 16 are similarly exempt from criminal responsibility if they act without mischievous discretion. However with regards to offences committed by minors acting with mischievous discretion and those minors who are doli incapax, the parent or any other person charged with the upbringing of the minor may still be subject to legal sanctions since in such cases vicarious responsibility attaches to the person charged with the minor's upbringing.*

Il-frażi "eżenzjoni minn responsabbiltà kriminali" tfisser li ma tistax tinsab ħtija f'persuna ta' taħt is-sittax-il sena sakemm ma jiġix ippruvat li dik il-persuna tkun aġixxiet b'"ħażen", fit-test Ingliż, "*mischievous discretion*".

Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu jiddeskrivi *Mischievous discretion* bhala "*the consciousness of the wrongfulness of [an] act and of its consequences.*"[8]

[6] Onor. Clyde Puli
[7] Mejju 2015 pg.11
[8] Mamo Notes (n 25) 79

Il-Qorti tirreferi ghan-noti tal-Kors tal-Ligi[9] dwar din it-tema:

> At this young age, children are considered by law as being incapable of forming a criminal intent which is an essential element in the commission or omission of an offence as clearly stated in the legal maxim:
>
> **'actus non facit reum nisi mens sit rea'** – the material conduct must accompanied with a guilty mind.
>
> Even at this age, a minor is still presumed to be incapable of distinguishing between good and evil and of appreciating the consequence of his acts. But this presumption is no longer conclusive as it may be rebutted by evidence, for the capacity to commit a crime and contract guilt is measured by the strength of the delinquent's understanding and judgment**: 'malatia supplet aetatem'**
>
> However, the mere commission of a criminal act is not sufficient *'prime facie'* proof of guilty mind as in the case of adults. The presumption of innocence is so strong that some clearer proof of mental condition is specifically requested by the law. It must be shown that the minor had the consciousness of the wrongfulness of his act and of its consequence.

[9] Sena akkademika 2000/2001

L-Imhallef Harper J. fil-kaz **R (A Child) v. Whitty** (1993) 66 A Crim. R. 462, isostni:

> *'"No civilised society', says Professor Colin Howard in his book entitled* ***Criminal Law*** *(4th ed., 1982) p. 343, 'regards children as accountable for their actions to the same extent as adults.'*
>
> *"The wisdom of protecting children against the full rigour of the criminal law is beyond argument. The difficulty lies in determining when and under what circumstances that protection should be removed."*

Erle J. fil-kaz **Reg. v. Smith** (1845) 1 Cox C.C. 260 qal li:

> *"... a guilty knowledge that he was doing wrong - must be proved by the evidence, and cannot be presumed from the mere commission of the act. You are to determine from a review of the evidence whether it is satisfactorily proved that at the time he fired the rick (if you should be of opinion he did fire it) he had a guilty knowledge that he was committing a crime."*

Professor Glanville Williams, Q.C. f'[1954] Crim. L.R. 493[10] jghallem li:

> *"... the 'common sense' view of moral responsibility and retributive punishment is still widely maintained in respect of the sane adult who commits a crime. Yet in respect of children it is just as generally abandoned. No one whose opinion is worth considering now believes that*

[10] *Criminal Law, The General Part*, 2nd ed. pp. 495-496

*a child who does wrong ought as a matter of moral necessity to expiate his wrong by suffering. Punishment may sometimes be the best treatment, but if so it is because this is the only way in which the particular child can be made to see the error of his ways. . . In this climate of opinion the 'knowledge of wrong' test no longer makes sense.*

*… Thus at the present day the 'knowledge of wrong' test stands in the way not of punishment, but of educational treatment. It saves the child not from prison, transportation, or the gallows, but from the probation officer, the foster-parent, or the approved school. The paradoxical result is that, the more warped the child's moral standards, the safer he is from the correctional treatment of the criminal law.*

*"It is perhaps just possible to argue that the test should now be regarded as even legally obsolete. The test was designed to restrict the punishment of children and should not be used where no question of punishment arises. This argument has to face the difficulty that the test traditionally protects the child from conviction, whereas the choice between punishment and other treatment is only made after conviction."*

Il-Professur Glanville Williams jkompli jispjega li:

*"As a matter of policy it is highly desirable that a child who has committed what, for an adult, would be a crime, should be put to answer, even if he is afterwards acquitted on the ground that he did not know his act to be wrong. This desirable result can be reached by drawing a distinction between the burden of proof (or persuasive burden) and the burden of introducing evidence (evidential burden). The burden of proving the child's knowledge of wrong is on the prosecution, but this*

*only means that, when all the evidence is in, the prosecution must fail if the court is not satisfied beyond reasonable doubt of the child's guilt. The fact that the persuasive burden is on the prosecution does not control the burden of introducing evidence on particular issues, for the law may place an evidential burden on the accused even when the persuasive burden is on the prosecution."*[11]

Lord Lowry f'**C v DPP** at 38C:

*"A long uncontradicted line of authority makes two propositions clear. The first is that the prosecution must prove that the child defendant did the act charged and that in doing that act he knew that it was a wrong act as distinct from an act of mere naughtiness or childish mischief. The criminal standard of proof applies. What is required has variously been expressed, as in Blackstone, 'strong and clear beyond all doubt or contradiction', or in Rex v Gorrie (1919) 83 JP 136, 'very clear and complete evidence' or in B v R (1958) 44 Cr App R1 at 3 per Lord Parker CJ, 'It has often been put this way, that ... "guilty knowledge must be proved and the evidence to that effect must be clear and beyond all possibility of doubt' ".* (enfazi tal-Qorti)

Il-Qorti tinnota li d-diliġenza li hija mistennija minn bniedem adult ċertament ma tistax tinsab fl-aġir ta' persuni ta' età tenera. Dak li fi bniedem adult jista' jitqies bħala leġġerezza huwa, f'persuni ta' taħt l-età, mhux biss aċċettabbli imma saħansitra mistenni, u jikkwalifika bħala n-norma.

[11] Ibid p. 498

Il-liġi stess tikkunsidra li l-età ta' persuni taħt it-tmintax-il sena tilgħab rwol importanti ħafna fid-determinazzjoni ta' jekk l-aġir tagħhom jistax jitqies li jikser id-dispożizzjonijiet li jistabilixxu l-ħtija u jikkominaw il-piena għal aġir partikolari. Tant huwa hekk li l-leġiżlatur innifsu stabilixxa klassifikazzjoni ta' attenwanti li tirrifletti l-età tas-suġġett partikolari; attenwanti li tvarja skont jekk is-suġġett ikunx għadu taħt l-età ta' erbatax-il sena; u imbagħad jekk ikunx laħaq l-età ta' sittax-il sena.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**<u>Is-serq</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad:

> *"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé: "La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro". (ara Il-Pulizija vs. Carmelo Felice, 10/1/42, Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).*

Din id-definizzjoni hi suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-Codice Rocco:

> *"Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".*

Issa huwa pacifiku, kif anke gie accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenzi taghha, li l-lukru mehtieg ghad-delitt ta' serq jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew sodisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa (b'referenza ghas-sentenza talQorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. James Chetcuti**, 3 ta' April 1943 – Kollez. XXXI.iv.500).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Pawlu Scicluna et** (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) intqal hekk fir-rigward ta' l-*animus furandi* rikjest fir-reat tas-serq:

*'Bil-kelma lucro wiehed ma ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li lhati jkollu fi hsiebu li jipprokura' (p.820).*

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Carmelo Felice** (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) intqal:

*'Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li 'per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile' (p. 460)."*

Fit-teorija accettata dwar il-kwistjoni tal-valur tas-serq, anki ammont zghir hafna huwa bizzejjed. Jirreferi ghall-gurista Carrara li jghid li *"purche` un qualche valore ci sia, per quanto minimo, e` sempre furto"*.

Il-principju generali f'kaz ta' allegat serq huwa li sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett inkwistjoni ma hux *res nullius* u lanqas *res derelicta*, hemm id-delitt ta' serq.

**<u>Serq ikkwalifikat bil-valur</u>**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)".*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq, maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta l-aggravju ghaliex *"il-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)"* izda mhux l-valur kif imnizzel fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat *"li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2390.24)."*

**<u>Serq kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa</u>**

Fir-rigward tal-kwalifika tal-<u>xorta tal-haga misruqa</u>, il-Qorti tinnota li Artikolu 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirritjeni li s-serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haġa misruqa a bazi ta' dawk l-affarijiet elenkati fl-artikolu msemmi.

***271.** Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" –*
*(g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura.*

Il-vettura misruqa hija elenkata fl-Artikolu 271 (g) u ghaldaqstant il-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa tirrizulta.

**Artikoli 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

L-Artikolu 96 ghandu bhala vittma, l-ufficcjal pubbliku u jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin- nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku". Illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madankollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghmel referenza taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 fejn intqal:

"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l- Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak

is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

Li l-imputat bl-agir tieghu kien se jtajjar lill-kuntistabbli li kien qieghed iwettaq hidmietu bl-uniformi ta' pulizija tat-traffiku. Il-kuntistabbli PC 275 Thomas Dimech huwa inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi u kien qieghed jaghti ordni skont il-ligi. L-imputat bil-fixla li kellu meta sab lill-pulizija ma' wiccu ghamel il-manuvra li ghamel bil-konsegwenzi kollha li seta' kien hemm. Agir li mhux gustifikat bl-ebda mod.

<u>**It-tentattiv**</u>

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal- Kapitolu 9 li jiddisponi illi:

> **"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena**

**stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."**

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat.

Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in***

*pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

*"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigixikkunsmat. Izda jista' jisussisti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa ikollu limpunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Ighid il-Pofessur Mamo:

> **"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will ... The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."**

Maghmula dawna l-osservazzjonijiet, irid jigi stabbilit jekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat ta' tenattiv ta' offiza gravi. Illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

> **"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament**

**jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."** (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi.

Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."*** (Notes on Criminal Law),

izda imbaghad izid

***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."***

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet:

> "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz."

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *[...]*
>
> *Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[12]

[12] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[13] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta'*

[13] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghall-periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li fis-sottomissjoni finali l-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx li l-imputat ikun trattat skont dak li jipprovdi l-**Att tal-Probation** (Kap 446) u dan anke ghall-fatt li l-imputat kien minorenni meta sehh il-kaz u ghalhekk il-Qorti trid tinzel bi grad jew tnejn fil-piena.

**Il-Qorti mhix hawn biex tissodisfa l-ghajta ta' dawk li ghal kull reat li jsir f'pajjizna johorgu b'hangra jghajjtu "sallbu, sallbu". Kieku l-Qrati taghna jcedu ghal xi forma ta' pressjoni nkluz tal-pubbliku jkunu qeghdin jaghmlu ingustizzja flok gustizzja. Kieku l-Qrati taghna jcedu ghall-pressjoni, kieku fit-toroq taghna jkollna kwantita**

**kbira ta' Barabbas fit-toroq taghna. Il-Qorti fil-waqt li tibbaza d-decizjonijiet taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi, u tara li timxi mal-parametri dwar il-pieni li tipprovdi l-ligi, tara li tuza ukoll l-ghodod kollha li jipprovdielha l-legislatur biex persuna kemm jista' jkun tinghata direzzjoni f'hajjitha u tirritorna lura hielsa minn kull madmad fis-socjeta'.**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Il-Qorti se tislet numru ta' kwotazzjonijiet li jghinu meta wiehed ikun qieghed jikkonsidra x'piena ghandu jaghti:

> "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"[14]

> *"Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra."*[15]

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna ...."*[16]

---

[14] Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013

[15] L-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015

[16] Iil-President tar-Repubblika Emeritus Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

*"Iċ-ċiviltà tagħna temmen ħafna bil-liġijiet. Kollox huwa ddettat mil-liġi. Għall-kotra, li tkun ġust ifisser li timxi skont il-liġi, u l-kunċett ta' ġustizzja huwa wieħed legali. Meta naħsbu li tkun saret inġustizzja, nirrikorru għand il-Qrati, fejn suppost hemm l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk, jekk wieħed ikollu ħtija, ikollu jħallas. Imma l-esperjenza tgħallimna li mhux kull meta kienet applikata l-ittra tal-liġi tkun saret ġustizzja. Ħafna drabi ninsew li the law can be an ass u l-applikazzjoni tagħha tikkawża inġustizzja flok ġustizzja. Ċiċerun kien jgħid li "summum ius, summa injuria" – fis-sens li meta jkun hemm applikazzjoni riġida tal-liġi, taf issir inġustizzja."*[17]

"*Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena mal-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà m'huwiex hekk.*

*[...]*

*Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa ... jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa' jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena.*"[18]

*"Intom, fix-xogħol tagħkom - kemm Imħallfin, kemm Maġistrati, kemm avukati, prokuraturi legali - tiltaqgħu ma' tant sitwazzjonijiet umani - mhux biss fil-kriminal imma anke fiċ-ċivil - fejn in-nies jiġu għall-ġustizzja għax huma vittmi tar-regħba, tal-aggressjoni, tal-vjolenza, tal-*

[17] L-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech waqt il-Gradwazzjoni tal-Istudenti tal-Ħames Sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016

[18] Papa Frangisku waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016:

*kefrija ta' ħaddieħor. Dawn jiġu quddiemkom imneżża mid-dinjità, jitkarrbu biex xi ħadd jagħtihom l-għajnuna.*

*[...]*

*Fis-Sena tal-Ħniena mhux qed nistieden lill-ġudikatura, lill-maġistratura biex ikunu soft, biex ngħidu 'ejjew nagħmlu d-discount', dak il-konfessur jista' jagħmillek d-discount fuq il-penitenza meta tmur tqerr. Inti tuża l-liġi biex il-ġustizzja issir espressjoni tal-ħniena meta qed tagħti lil kull wieħed jew kull waħda dak li ħaqqhom, imma qed taħdem ukoll għar-riabilitazzjoni tal-aggressur u anke tal-vittma. Kultant kritika li ssir lis-sistema tagħna hija li aħna forsi għadna qed niżviluppaw sensibbilità għall-eżiġenzi li jkollhom il-vittmi. Jiena nħobb ninsisti li d-dannu għandu jirriżarċih, jagħmel tajjeb għalih, min jagħmel il-ħsara. U s-soċjetà hija wkoll vittma tal-aggressur imma hemm bżonn ukoll naħdmu għar-riabilitazzjoni ta' min ikun żbalja jew ta' min, minħabba storja trawmatika f'ħajtu, għandu operat jew inkella imġieba antisoċjali li kultant is-sentenzi tagħna ma nafx kemm jgħinuh joħroġ minnha din il-ħaġa, imma forsi jagħmluh iżjed kiefer fl-atteġġjament tiegħu lejn l-oħrajn."*[19]

**L-imputat hekk ghamel. Gharaf li zbalja, iddispjacih u llum jinsab fit-triq t-tajba.**

**F'dan il-kaz il-Qorti rat progress enormi fl-imgieba tal-imputat tant li wara li ma kienx inghata helsien mill-arrest meta tressaq il-Qorti, meta**

[19] L-Arċisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fil-ftuħ tas-Sena Forensi.

**nghata dan il-helsien kompla bl-istudju tieghu fejn sejjer tajjeb u anke beda jahseb biex isib impjieg fil-professjoni li bi hsiebu jaqbad.**

**Il-Probation Officer li segwitu rrapurtat progress fejn tidhol imgieba u anke attegjament mal-qraba tieghu u kull meta sarulu testijiet dawn dejjem irrizultaw negattivi ghall-abbuz tad-droga.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 96, 216, 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3(1)(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Omissis hati tal-ewwel (1) imputazzjoni izda l-valur ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tlett mija u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2390.24), tat-tieni (2), it-tielet (3), r-raba' (4) imputazzjoni bil-hames (5) imputazzjoni se titqies komprisa fir-raba' imputazzjoni.

U b'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta se tpoggi lill-imputat taht ordni ta; Probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk

jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skond id-direttivi tal-istess ordnijiet.

*In oltre* din il-Qorti titlob lil-ufficjal tal-Probation assenjat li għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti qieghda tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena millum.

Stante li meta sehh il-kaz l-imputat kien minorenni tordna divjett fuq isem l-imputat fil-mezzi kollha tax-xandir.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**